# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 17 ta' Novembru, 2016**

**Kawża Nru 54**

**Rik. Nru. 140/12JRM**

Rita **VELLA**

vs

**TABIB PRINĊIPALI TAL-GVERN** u
Fondazzjoni għas-Servizzi Mediċi, għal kull interess li jista' jkollha

**Il-Qorti:**

Reġgħet rat ir-Rikors Maħluf imressaq fid-9 ta' Frar, 2012, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attriċi talbet li din il-Qorti (a) issib li t-trasferiment li ngħatat f'Awissu tal-2011 minn taqsima fl-Isptar *Mater Dei* għar-Residenza *San Vincenz de Paule* sar b'abbuż u b'irregolaritajiet li jiksru l-liġi fl-artikolu 469A(1)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, għaliex huwa *ultra vires* għall-finijiet tal-inċiżi (i), (ii), (iii) u (iv) tal-imsemmi artikolu billi twettaq minn awtorita' pubblika li ma kellhiex is-setgħa li twettqu; u/jew billi sar b'nuqqas ta' tħaris tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew tal-ħtiġijiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-għemil amministrattiv, jew fid-deliberazzjonijiet li wasslu għal dak l-

għemil; u/jew billi jikkostitwixxi abbuż tal-awtorita' pubblika billi sar għal għanijiet mhux xierqa jew issejjes fuq kunsiderazzjonijiet irrilevanti billi ma ngħatax għal raġunijiet ta' esiġenzi tax-xogħol imma bħala miżura dixxiplinari; u/jew billi l-imsemmi trasferiment sar mod ieħor kontra l-liġi; (b) li l-attriċi għandha d-dritt li tkun kumpensata mill-imħarrkin jew min minnhom minħabba l-imsemmi għemil u tillikwida l-kumpens li jistħoqqilha tingħata; u (ċ) tikkundanna lill-imħarrkin jew lil min minnhom jħallsuha s-somma hekk likwidata fiż-żmien qasir u perentorju li l-Qorti jogħġobha tiffissa. Talbet ukoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali u l-għoti ta' kull provvediment ieħor xieraq u meħtieġ, filwaqt li żammet sħiħ il-jedd tagħha għal kull azzjoni oħra spettanti lilha;

Rat id-degriet tagħha tal-21 ta' Frar, 2012[1], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-attriċi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħha;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fl-14 ta' Marzu, 2012, li biha l-Fondazzjoni mħarrka laqgħet billi qalet li ma kenitx il-leġittima kontradittriċi tal-azzjoni attriċi billi m'għandha l-ebda rabta ġuridika mal-attriċi u ma kellha x'taqsam xejn mad-deċiżjoni li l-attriċi tkun trasferita, u għalhekk talbet li tinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju bi spejjeż għall-istess attriċi;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fis-16 ta' Marzu, 2012, li biha l-imħarrek Tabib Prinċipali tal-Gvern laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qal li l-azzjoni hija nieqsa minn element fundamentali ewlieni u dan għaliex l-ilment tal-attriċi ma jaqax taħt it-tifsira ta' "att amministrativ" kif mifhum fl-artikolu 469A. Fil-mertu, laqa' billi qal li impjegat m'għandu l-ebda jedd li jippretendi li jibqa' jaħdem għal dejjem fl-istess post għaliex l-amministrazzjoni għandha d-dmir li ċċaqlaq persuna minn post għal ieħor meta ċ-ċirkostanzi jiddettaw tali ċaqliq. Filwaqt li jistqarr li l-attriċi ntalbet tmur taħdem fl-Isptar San Vinċenz, żied jgħid li t-trasferiment tagħha ma kienx b'kastig imma "minħabba l-ambjent li ġie kkrejat fil-*Cardiac Catheterisation Suite*" li wassal lill-amministrazzjoni tiżgura li "l-ambjent lavorativ huwa wieħed san". Żied jgħid li t-trasferiment tal-attriċi la naqqsilha l-grad li kellha u lanqas kien ifisser li jkollha tagħmel xogħol li ma huwiex tal-istess grad u professjoni tagħha. Temm jgħid li mhux talli t-trasferiment tal-attriċi m'huwiex għamil abbużiv, talli huwa wieħed meħud b'responsabbilta' fl-interess tal-attriċi nnifisha. Minħabba f'hekk, huwa m'għandux jagħmel tajjeb għal xi danni kif tippretendi l-attriċi;

---
[1] Paġ 14-15 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta' Mejju, 2012[2], li bih il-Qorti ordnat li, qabel kull ħaġ'oħra, issir it-trattazzjoni tal-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-imħarrek Tabib Ewlieni tal-Gvern dwar jekk l-ilment tal-attriċi jaqax fit-tifsira ta' "egħmil amministrattiv" għall-finijiet tal-artikolu 469A(2) tal-Kap 12;

Rat is-sentenza preliminari tagħha tal-31 ta' Ottubru, 2012, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni preliminari mressqa mit-Tabib Ewlieni tal-Gvern[3];

Rat id-degriet tagħha tat-8 ta' Novembru, 2012[4], li biha ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tisma' l-provi tal-partijiet;

Rat it-talba mressqa mill-attriċi b'rikors tagħha tal-25 ta' April, 2012[5], li biha talbet li tressaq xhieda oħra minbarra dawk imniżżla fir-Rikors Maħluf, għal liema talba l-Qorti rriżervat li tipprovdi fi stadju aktar avvanzat[6]. Rat illi l-attriċi ma nsistietx aktar fuq din it-talba, u waqt is-seduta tat-2 ta' Lulju, 2014[7], quddiem l-Assistent Ġudizzjaru, iddikjarat li kienet għalqet il-provi tagħha;

Rat ix-xhieda u l-provi dokumentali mressqa quddiem l-Assistent Ġudizzjarju;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Mejju, 2015[8], li bih ħalliet il-kawża għat-trattazzjoni bil-miktub tal-partijiet;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet imressqa mill-attriċi fit-30 ta' Ġunju, 2015[9];

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek Tabib Prinċipali tal-Gvern tal-11 ta' Settembru, 2015[10], bi tweġiba għal dik ta' l-attriċi;

Rat li l-Fondazzjoni mħarrka baqgħet ma ressqetx Nota ta' Sottomissjonijiet fiż-zmien mogħti lilha[11];

Rat l-atti kollha tal-kawża;

---

[2] Paġ. 81 tal-proċess
[3] Paġġ. 85 – 93 tal-proċess
[4] Paġ. 95 tal-proċess
[5] Paġ. 76 tal-proċess
[6] Paġ. 77 tal-proċess
[7] Pap. 305 tal-proċess
[8] Paġ. 384 tal-proċess
[9] Paġ. 385 – 440 tal-proċess
[10] Paġġ. 441 – 447 tal-proċess
[11] Paġ. 449 tal-proċess

Semgħet is-sottomissjonijiet ulterjuri tal-avukati preżenti;

Rat id-degriet tagħha tas-7 ta' Ottubru, 2015, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju b'talba għad-danni. L-attriċi hija infirmiera reġistrata u tilminta minn trasferiment li qalgħet f'Awwissu tal-2011 mill-Isptar *Mater Dei* għar-Residenza tax-Xjuħ *San Vinċenz de Paule* għax tgħid li dan sar, minkejja l-ħila u l-kwalifiki tagħha, bi tpattija għal rapport li hija kienet ressqet kontra waħda mill-kollegi tagħha xi ftit xhur qabel. Trid li l-Qorti ssib li dak it-trasferiment sar b'mod abbużiv u diskriminatorju u bi ksur tal-prinċipji tal-ħaqq naturali jew ħtiġijiet mandatorji u li ttieħed minn awtorita' li ma kellhiex jedd twettaq dik id-deċiżjoni. Tippretendi wkoll li tingħata kumpens minħabba dak it-trasferiment;

Illi għal din l-azzjoni, l-Fondazzjoni imħarrka laqgħet billi qalet li ma kellha x'taqsam bl-ebda mod mat-trasferiment jew mat-teħid tad-deċiżjoni li dan isir, u lanqas kellha xi rabta ġuridika mal-attriċi, għalhekk talbet li tinħeles milli tibqa' fil-kawża bi spejjeż għall-attriċi;

Illi, min-naħa tiegħu, l-imħarrek Tabib Prinċipali tal-Gvern laqa' b'eċċezzjoni ta' xejra preliminari u kif ukoll fil-mertu. L-eċċezzjoni preliminari kienet tgħid li l-għemil li minnu tilminta l-attriċi u li fuqu hi msejsa l-azzjoni attriċi kollha ma jikkwalifikax bħala "egħmil amministrattiv" għall-finijiet tal-artikolu 469A(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk il-Qorti ma tistax tistħarrġu. Laqa' wkoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu dwar is-siwi tad-deċiżjoni meħuda u li t-trasferiment kien fl-interess tas-servizz pubbliku u tal-istess attriċi. Qal li t-trasferiment tagħha ma kienx b'kastig imma bħala mezz kif l-ambjent tax-xogħol ġewwa l-*Catheterisation Suite* fl-Isptar Mater Dei jkun wieħed san. Żied jgħid li lill-attriċi la tnaqqsilha l-grad li kellha u lanqas kien ifisser li jkollha tagħmel xogħol li ma huwiex tal-istess grad u professjoni tagħha. Ċaħad, għalhekk, li huwa għandu jagħmel tajjeb għal xi danni li l-attriċi tgħid li ġarrbet minħabba l-imsemmi trasferiment;

Illi b'sentenza mogħtija fil-31 ta' Ottubru, 2012, il-Qorti ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-imħarrek Tabib Ewlieni tal-Gvern;

Illi bħala <u>fatti relevanti</u> illi joħorġu minn din il-kawża jirriżulta illi l-attriċi hija infermiera kwalifikata. Ilha taħdem fi sptar tal-Gvern sa minn Ġunju tal-1997. Fl-2000 ntbagħtet taħdem, fuq talba tagħha, fil-*Cardiac Catheterisation Suite* fl-Isptar San Luqa u baqgħet tikseb kwalifiki u esperjenza. Fl-2005 laħqet *Staff Nurse*. F'xi żmien fl-2010 u wara li s-sala speċjalizzata li kienet taħdem fiha nġarret lejn l-Isptar *Mater Dei*, l-attriċi tgħid li beda jberraq għaliex, wara li ġiet minn konferenza li saret f'Ċipru, l-imġiba tas-superjuri tagħha u wħud minn sħabha lejha nbidlet[12]. Bdew jinqalgħu kwestjonijiet u bdiet tħossha *bullied* ukoll u, f'Mejju tal-2011[13], kellha inċident ma' kollega li wassalha biex tressaq rapport mal-awtoritajiet biex jieħdu passi kontra dik il-kollega;

Illi l-attriċi qatt ma kienet impjegata mal-Fondazzjoni mħarrka[14], u hija meqjusa mill-kollegi tagħha bħala persuna kompetenti u professjonali fuq xogħolha u f'imġibitha mal-pazjenti[15]. Ħareġ ukoll mill-provi li l-attriċi kienet tieħu interess fil-professjoni tagħha u minn żmien għal żmien attendiet għal korsijiet ta' tagħlim f'Malta u anke barra minn xtutna kemm fil-qasam tal-infermerija b'mod ġenerali, kif ukoll f'dak speċjalizzat fil-qasam tal-kardjoloġija[16];

Illi fid-19 ta' Mejju, 2011, inqala' l-inċident ġewwa l-*Catheterisation Suite* bejn l-attriċi u kollega tagħha (waħda Denise Tanti li taħdem ukoll fl-istess *unit*) fuq *pager* li kien jintuża bejn l-impjegati f'każ ta' emerġenza. Jirriżulta illi n-*Nursing Officer* ħareġ struzzjonijiet li l-*pager*, minflok ma jitħalla fuq l-iskrivanija tiegħu, kellu jgħaddi minn id l-infermiera li kienet qed tagħmel użu minnu għal għand l-infermiera li kien imissha tużah warajh/ha[17]. Jidher illi Denise Tanti għaddiet il-*pager* lill-attriċi b'mod goff, wara reżistenza min-naħa tagħha, tant li lwiet subgħajha. F'dak l-episodju għadda xi kliem bejn l-attriċi u l-kollega tagħha, u din ta' l-aħħar daħħlet rapport kontriha. L-attriċi wkoll daħħlet *violence/haressment report*[18], iżda r-rapport ta' Denise Tanti mexa u b'riżultat ta' dan l-attriċi tressqet quddiem Bord ta' Inkjesta u, aktar 'il quddiem il-każ tressaq quddiem Bord ta' Dixxiplina[19];

Illi l-attriċi tgħid li, minkejja r-rapport li għamlet lill-awtoritajiet, ma ttieħdu l-ebda passi kontra l-kollega li magħha kellha l-inċident u l-imġiba fil-konfront tagħha baqgħet teħżien. F'Lulju tal-2011 l-imħarrek Tabib

[12] Affidavit tagħha f'paġġ. 38 – 9 tal-proċess
[13] Dok f'paġ. 43 tal-proċess
[14] Xhieda ta' Donna Micallef f'paġġ. 314 – 5 tal-proċess u dok. "AM1" f'paġ. 359 tal-proċess
[15] Dawn l-elementi joħorġu mix-xhieda ta' Anthony Agius Decelis tat-28.11.2012; John Agius fis-seduta at-22.02.2013; Joanna Galea fis-seduta tat-22.02.2013; Dr Robert Xuereb fix-xhieda tal-10.05.2012 quddiem il-Bord tad-Dixxiplina; Vincent Gatt fis-seduta tal-20.11.2013; Anna Gonzi fis-seduta tas-17.02.2014. Ara wkoll dokumenti f'paġġ. 48 – 50 tal-proċess
[16] Affidavit tal-attriċi f'paġġ. 37 – 8 tal-proċess. Ara wkoll x-xhieda tal-attriċi fil-kontro-eżami f'paġġ 318 u 322 tal-proċess
[17] Xhieda ta' Michael Borġ f'paġġ. 123 – 4 tal-proċess
[18] Paġġ. 43 – 4 tal-proċess
[19] Affidavit tal-attriċi f'paġġ. 39 – 40 tal-proċess. Ara wkoll x-xhieda ta' Colin Galea f'paġġ. 138 – 9 tal-proċess

Ewlieni għarrafha li kien ħatar Bord ta' Inkjesta li wasal għall-fehma li l-attriċi kellha tidher quddiem Bord ta' Dixxiplina biex twieġeb għal xiljiet li kienu ser jitressqu kontriha fuq il-bażi ta' rapport tal-Bord ta' Inkjesta. L-attriċi tgħid li ngħatat biċċa biss mir-rapport u kien bl-intervent tal-Union tagħha li fl-aħħar ingħatat kopja tar-rapport kollu;

Illi l-attriċi baqgħet taħdem fil-*Catheterisation Suite* sas-16 ta' Awissu 2011[20], meta, qabel ma ngħalqet l-inkesta u qabel ma l-Bord ħareġ ir-rapport tiegħu[21], inħarġet ordni għat-trasferiment tagħha[22] fi żmien tmienja u erbgħin (48) siegħa mill-Isptar *Mater Dei* għar-Residenza *San Vinċenz de Paule.* L-attriċi rċeviet l-avviż li kienet sejra tintbagħat taħdem fir-Residenza San Vinċenz de Paule b'seħħ mis-16 ta' dak ix-xahar. Żewġha wkoll, li kien jaħdem bħala infirmier fil-*Catheterisation Suite*, intbagħat jaħdem f'dik ir-Residenza;

Illi l-Union li magħha l-attriċi kienet imsieħba (M.U.M.N.) tat direttiva lill-attriċi biex ma tiċċaqlaqx minn postha[23]. Il-Union tistqarr illi l-pressjoni biex l-attriċi tiċċaqlaq mill-*Catheterisation Suite* kienet kbira[24]. L-attriċi twaqqfitilha l-paga[25] u ġiet trasferita l-ewwel fir-Residenza ta' *San Vinċenz de Paule*, u wara ftit taż-żmien intbagħtet fil-klinika tal-Gvern ta' Ħal Qormi;

Illi wara t-trasferiment, ingħalqet l-inkjesta u nħareġ rapport li, fi kliem ir-rappreżentant tal-Union, ma kienx newtrali[26]. Kopja ta' dan ir-rapport ingħatat lill-attriċi wara intervent mir-rappreżentant legali tagħha. Sussegwentement inħareġ ukoll ir-rapport tal-Bord tad-Dixxiplina, li kien twaqqaf b'riżultat tal-inkjesta, fejn l-akkużi kollha kontra l-attriċi waqgħu, u l-attriċi ngħatat biss twiddiba li hija qiegħda tikkontesta bħala mhix mistħoqqa[27];

Illi xhud imressaq mill-imħarrek Tabib Ewlieni tal-Gvern, xehed illi bejn ix-xhur ta' Mejju u Lulju tas-sena 2011, tmexxiet petizzjoni minn xi impjegati li jaħdmu fil-*Catheterisation Suite* kontra l-imġiba aggressiva min-naħa tal-attriċi, iżda kopja ta' din il-petizzjoni baqgħet ma tressqetx bħala prova[28];

[20] Xhieda tal-attriċi in kontro-eżami f'paġ. 343 tal-proċess
[21] Xhieda ta' Paul Pace f'paġ. 98 tal-proċess
[22] Dok "RV1", f'paġ. 10 tal-proċess
[23] Dok. "CG1" f'paġ. 120 tal-proċess
[24] Xhieda ta' Paul Pace f'paġ. 98 – 9 tal-proċess u ta' Colin Galea f'paġ. 139 tal-proċess
[25] Dok. "CG", email tat-28.05.2011 maħruġa mill-Union indirizzata lill-*Manager Nursing Services* f'paġ. 119 tal-proċess
[26] Xhieda ta' Colin Galea f'paġ. 138 tal-proċess
[27] *Ibid* f'paġġ. 100 u 102 tal-proċess
[28] Xhieda ta' Salvina Bonanno f'paġġ. 226 – 7 tal-proċess

Illi wara li l-attriċi tneħħiet mill-*Catheterisation Suite*, il-problemi fost l-impjegati baqgħu hemm[29], u l-*Unit* spiċċa b'numru ta' professjonisti nieqsa[30];

Illi rappreżentant tal-imħarrek Tabib Ewlieni tal-Gvern[31] jisħaq illi t-trasferiment tal-attriċi sar għaliex kien hemm il-ħtieġa tas-servizz tagħha band'oħra;

Illi f'Ottubru u f'Diċembru tal-2011, ressqet protesti ġudizzjarji kontra l-awtoritajiet u fid-9 ta' Frar tal-2012 fetħet din il-kawża;

Illi matul iż-żmien li kienet qiegħda tinstema' din il-kawża u sewwasew lejn l-bidu tas-sena 2014, Denise Tabone ingħatat trasferiment[32] li, fi kliem ir-rappreżentant tal-imħarrek Tabib Ewlieni tal-Gvern, ma kellu x'jaqsam bl-ebda mod mal-inċident li kien kellha mal-attriċi[33];

Illi l-Qorti sejra tibda l-konsiderazzjonijiet ta' bixra legali dwar il-każ billi, qabel xejn, tisħarreġ **l-eċċezzjoni preliminari mressqa mill-Fondazzjoni mħarrka**. Biha l-Fondazzjoni tgħid li m'għandha ebda relazzjoni ġuridika mal-attriċi u ma kellha x'taqsam xejn mal-għoti tat-trasferiment u mal-proċeduri li kienu tnedew mid-Dipartiment;

Illi l-Qrati jgħallmu illi sabiex jista' jkun stabbilit jekk parti f'kawża hijiex jew le leġittimu kontradittur tal-parti l-oħra, il-Qorti trid tistħarreġ jekk '*prima facie*' il-persuna imħarrka kinitx materjalment parti mit-trattativi li skond il-parti attriċi ħolqu r-relazzjoni ġuridika ta' bejniethom, li wasslu biex inħolqu rabtiet fuq il-parti mħarrka illi kellha twieġeb għalihom[34];

Illi mill-provi ħareġ illi l-attriċi ma kenitx impjegata mal-Fondazzjoni mħarrka u għaldaqstant kwalunkwe ordni ta' trasferiment qatt ma seta' nħareġ minnha għaliex ma kellha ebda setgħa fuqha. Lanqas ma ntwera li l-Fondazzjoni kienet imdaħħla b'xi mod fil-proċeduri ta' investigazzjoni jew ta' dixxiplina li ttieħdu kontra l-attriċi wara r-rapporti dipartimentali li tressqu;

Illi għaldaqstant ma jirriżultax mad-daqqa t'għajn li kien hemm xi rabta ġuridika bejn l-attriċi u l-Fondazzjoni mħarrka. Dan iwassal lill-Qorti għall-fehma illi l-eċċezzjoni mressqa mill-Fondazzjoni mħarrka hija tajba u sejra tintlaqa';

---

[29] Xhieda ta' Ivan Fenech f'paġ. 210 tal-proċess
[30] Xhieda ta' Dr Robert Xuereb f'paġ. 216 tal-proċess
[31] Dok. "IA1", xhieda ta' Isabelle Aquilina f'paġ. 288 tal-proċess
[32] Xhieda ta' Anna Gonzi f'paġ;. 260 – 1 tal-proċess
[33] *Ibid*
[34] App. Ċiv. **5.10.2001**, fil-kawża fl-ismijiet ***Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et***

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tqis **it-talbiet attriċi u l-eċċezzjonijiet fil-mertu**. F'kawża ta' din ix-xorta, il-konsiderazzjonijiet ta' natura legali huma marbuta ma' għemil amministrattiv li l-parti attriċi qiegħda tattakka;

Illi meta Qorti tintalab biex tistħarreġ għemil amministrattiv, hija trid tara li dak l-għemil ikun twettaq sewwa. B'dan wieħed jifhem li (a) l-għemil ikun sar taħt jew bis-saħħa ta' liġi; (b) minn persuna jew awtorita' li tkun ingħatatilha dik is-setgħa bil-liġi; u (ċ) li hi u twettaq tali setgħa, dik il-persuna jew dik l-awtorita' tkun inqdiet biha b'mod li ma tużahiex ħażin jew għal għanijiet mhux xierqa;

Illi l-Qorti tista' u għandha tgħarbel kif l-awtorita' pubblika tkun wettqet id-diskrezzjoni tagħha u ta' xiex tkun ħadet qies hija u twettaq dak l-eżerċizzju[35], iżda l-Qorti ma għandha qatt tissostitwixxi b'tagħha d-diskrezzjoni li hija bil-liġi mħollija f'idejn dik l-awtorita'[36];

Illi bis-saħħa tas-sentenza preliminari mogħtija f'din il-kawża, il-Qorti diġa sabet li għandha tuża s-setgħat tagħha taħt din l-azzjoni speċjali u tisma' l-każ imressaq quddiemha mill-attriċi[37]. Għaldaqstant sejra tgħaddi biex tistħarreġ jekk l-allegazzjonijiet tal-attriċi fil-konfront tal-imħarrek Tabib Ewlieni tal-Gvern humiex minnhom;

Illi l-allegazzjonijiet mressqa mill-attriċi fil-konfront tal-imħarrek Tabib Ewlieni tal-Gvern huma erbgħa: l-ewwel, li l-ordni ta' trasferiment inħarġet minn awtorita' li ma kenitx awtorizzata li toħroġha; it-tieni, li l-ordni ta' trasferiment saret mingħajr raġuni jew ġustifikazzjoni, u dan bi ksur tal-prinċipju tal-ġustizzja naturali; it-tielet, illi l-imħarrek Tabib Ewlieni tal-Gvern ħareġ ordni fuq konsiderazzjoni mhux rilevanti billi t-trasferiment ma ngħatax minħabba eżiġenzi ta' xogħol; u r-raba', illi l-ordni ta' trasferiment saret kontra l-liġi;

Illi mill-provi jirriżulta li f'Awwissu tal-2011, l-imħarrek Tabib Ewlieni tal-Gvern qatagħha li l-attriċi għandha tibda tirrapporta għax-xogħol mhux iżjed mill-*Catheterisation Suite* ġewwa l-Isptar *Mater Dei*, iżda mir-Residenza ta' *San Vinċenz de Paule* u, aktar tard, mill-klinika tal-Gvern ġewwa Ħal Qormi. Dan it-trasferiment sar bil-miktub iżda ma ngħad xejn fih dwar x'kienet ir-raġuni li l-imħarrek ried illi l-attriċi tibda tirraporta għax-xogħol mir-Residenza ta' *San Vinċenz de Paule* u lanqas ma ssemmiet raġuni partikolari meta ntbagħtet fil-klinika tal-Gvern ġewwa Ħal Qormi;

[35] P.A. GV **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Attard vs Enemalta Corporation*** (mhix appellata)
[36] P.A. PS **28.1.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Psaila vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix appellata)
[37] Ara s-sentenza tagħha fl-ismijiet fuq imsemmija tal-31.10.2012 f'paġġ. 85 sa 93 tal-proċess

Illi l-attriċi ssemmi ċirkostanzi partikolari għaliex trid tattakka t-tħaddim tad-diskrezzjoni mill-imħarrek Tabib Ewlieni tal-Gvern meta ħareġ l-ordni ta' trasferiment. Jirriżulta illi ftit ġimgħat qabel, l-attriċi kienet involuta f'argument fuq il-post tax-xogħol ma' kollega tagħha, li wassal biex iż-żewġ persuni involuti jressqu rapport kontra kulxin lill-amministrazzjoni;

Illi hija tallega illi l-ordni ħarġet waqt illi kienet għadha għaddejja inkjesta interna fuqha, u qabel ma l-Bord ħareġ rapport bis-sejbiet tiegħu. Tallega wkoll illi ma' ħaddieħor l-imħarrek Tabib Ewlieni tal-Gvern ma mexiex l-istess għaliex filwaqt illi l-amministrazzjoni mxiet fuq r-rapport li ddaħħal kontriha, l-imħarrek ma ħa ebda passi biex jistħarreġ ir-rapport mressaq minnha fil-konfront tal-kollega tagħha;

Illi huwa fuq dawn iż-żewġ cirkostanzi illi l-attriċi tibbaża l-każ tagħha u ssejjes il-pretensjoni li l-imħarrek uża ħażin id-diskrezzjoni tiegħu billi ma ngħatatx l-opportunita' illi tiddefendi l-każ kif inhu xieraq (nuqqas ta' smiegħ xieraq), kif ukoll illi mexa b'mod diskriminatorju fil-konfront tagħha;

Illi ladarba l-attriċi ressqet dawn l-allegazzjonijiet, jaqa' fuqha l-piż li tipprova dak li tallega;

Illi llum il-ġurnata huwa stabbilit li biex jitqies li awtorita' tkun qdiet il-funzjoni tagħha tajjeb, huwa mistenni illi dik l-awtorita' tgħid lill-persuna mhux biss x'kienu r-raġunijiet li wasslu għad-deċiżjoni li l-istess awtorita' tkun ħadet fil-konfront tagħha[38], iżda wkoll li l-persuna tingħata l-opportunita' illi ssemma' leħenha[39], u f'każ fejn il-persuna ma tkunx taf x'inhuma r-raġunijiet li wasslu lill-awtorita' toħroġ l-ordni fil-konfront tagħha, l-awtorita' għandha tagħti lil dik il-persuna l-opportunita' xierqa li tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha[40];

Illi min-naħa l-oħra, huwa stabbilit ukoll li biex jitqies li jkun ingħata trattament diskriminatorju kontra persuna, jeħtieġ jirriżulta li (a) jkun ingħata lil dik il-persuna trattament differenti minn dak mogħti lil xi persuna jew għadd ta' persuni oħrajn; (b) li jkunu fl-istess qagħda jew waħda li tixbaħha; (ċ) li t-trattament differenti ma jkunx oġġettivament jew raġonevolment mistħoqq; u (d) li f'dak it-trattament tkun nieqsa l-proporzjonalita' bejn l-għan mixtieq u l-mezz użat[41];

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, ma għandu jkun hemm ebda dubju illi l-imħarrek Tabib Ewlieni tal-Gvern huwa l-persuna li l-liġi tagħti

[38] T.R.A. GV **24.1.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Camilleri vs Kummissarju tat-Taxxi Interni***
[39] P.A. **29.11.2011** JZM fil-kawża fl-ismijiet ***Carmel D'Amato et vs L-Awtorita' tat-Turiżmu ta' Malta***
[40] App. Ċiv. **28.6.2013**fil-kawża fl-ismijiet ***Boris Arcidiacono et vs Salvu Schembri et***
[41] Ara P.A. (Kost) TM **26.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Albert Pace Cole vs. Chairman Maltacom p.l.c. et*** (mhix appellata)

s-setgħa li joħroġ ordnijiet ta' trasferiment ta' impjegati li jaħdmu fi sptarijiet pubbliċi. Daqstant ieħor hu għandu d-diskrezzjoni dwar liema taqsima l-attriċi kellha tintbagħat taħdem fiha, u illi d-deċiżjoni li ttieħdet biex l-attriċi tintalab tirrapporta għax-xogħol mir-Residenza ta' *San Vinċenz de Paule* hija għemil amministrattiv għall-finijiet kollha tal-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Iżda fir-rigward tal-allegat nuqqas ta' smigħ xieraq u diskriminazzjoni mressqa mill-attriċi, il-Qorti ssib li minn eżami bir-reqqa tal-fatti jidher illi dawn l-elementi kollha jirriżultaw. Fl-ewwel lok, jirriżulta illi l-ordni ta' trasferiment mogħtija lill-attriċi hija għal kollox nieqsa minn raġuni li wasslet lill-imħarrek Tabib Ewlieni tal-Gvern biex joħroġha. Dan wassal biex l-attriċi, qabel il-ftuħ ta' din il-kawża, baqgħet ma kenitx taf ir-raġuni wara t-trasferiment; it-tieni, huwa minnu illi l-ordni nħarġet qabel ma ngħalqet l-inkjesta li kienet għaddejja fil-konfront tal-attriċi; it-tielet, ma nġabet ebda prova illi l-amministrazzjoni nvestigat ir-rapport illi ressqet l-attriċi kontra l-kollega tagħha; ir-raba', illi għaldaqstant l-attriċi ma kellhiex l-opportunita' illi tgħid il-verżjoni tagħha tal-fatti sakemm ittieħdet id-deċiżjoni li tibda tirrapporta għax-xogħol f'post ieħor; il-ħames, kien hemm insistenza min-naħa tal-amministrazzjoni biex dan it-trasferiment isir kemm jista' jkun malajr bla ma jistenna li jintemmu l-proċeduri dixxiplinari mnedija sewwasew biex jistħarrġu s-siwi tal-ilment; is-sitta, filwaqt illi l-attriċi ngħatat ordni ta' trasferiment, il-kollega tagħha baqgħet taħdem fil-*Catheterisation Suite* u kien biss fis-sena 2014 li ngħatat trasferiment band'oħra, liema trasferiment ma kienx marbut mal-kwestjoni li kellha mal-attriċi; is-seba', illi l-imħarrek Tabib Ewlieni tal-Gvern, għajr għal dikjarazzjoni li saret minn rappreżentant tiegħu matul is-smigħ tal-kawża, ma seħħlux juri l-ħtiġijiet li kien hemm fir-Residenza *San Vincenż de Paule* għas-servizz ta' l-attriċi biex wassluh li joħroġ l-ordni ta' trasferiment fuq l-attriċi, u fil-fatt ħareġ li wara ftit taż-żmien l-attriċi ntbagħtet taħdem fil-Klinika tal-Gvern f'Ħal Qormi; it-tmienja, fuq xhieda li ngħatat minn rappreżentanti tal-Union, f'każijiet ta' diżgwid bejn kollegi fuq ix-xogħol, l-amministrazzjoni ġabet ruħha b'mod differenti;

Illi barra minn hekk jirriżulta wkoll illi l-attriċi, bl-esperjenza li kienet kisbet kemm damet taħdem fil-*Catheterisation Suite* u bit-tagħlim li akkwistat minn żmien għal żmien, kienet waslet biex speċjalizżat fil-qasam tal-kardjoloġija u li x-xogħol li ntbgħatet tagħmel kien lil hemm minn dan il-qasam ta' speċjalizżazzjoni jekk mhux ukoll ħafna anqas speċjalizżat minn dak li kienet tħarrġet għalih u li, sa ma kienet trasferita, wriet li kienet twettaq b'ħila u dedikazzjoni. Jirriżulta wkoll illi n-nuqqas tal-preżenza tagħha fil-*Catheterisation Suite* inħass professjonalment[42];

---

[42] Ara f'dan is-sens x-xhieda ta' Dr Robert Xuereb fis-seduta tal-10.07.2013 f'paġġ. 216 – 7 tal-proċess

Illi min-naħa l-oħra, il-Qorti tqis ukoll ir-raġunijiet mogħtija mill-imħarrek Tabib Ewlieni tal-Gvern dwar il-ħtieġa tat-trasferiment u l-inkonsistenza fit-tweġibiet tiegħu. Filwaqt illi jtenni illi t-trasferiment tal-attriċi ma kienx marbut mad-disgwid li kien hemm bejnha u l-kollega tagħha Denise Tanti, fit-Tweġiba Maħlufa huwa jistqarr illi r-raġuni kienet sabiex "*tassigura illi l-ambjent lavorattiv huwa wieħed san, kemm għall-impjegati nfushom kif ukoll minħabba l-effett li tali ambjent ikollu jew jista' jkollu fuq il-pazjent*"[43], u aktar tard jgħid illi l-politika marbuta mat-trasferiment hija sabiex jintużaw ir-riżorsi umani bl-aħjar mezz possibbli[44];

Illi fil-fehma tal-Qorti r-raġunijiet mogħtija mill-imħarrek Tabib Ewlieni ma joqogħdux mal-provi li ħarġu waqt is-smigħ tal-kawża. Lanqas ma jidhru li kienu jħarsu l-prinċipji l-iżjed basilari tal-ħaqq naturali u minħabba f'hekk l-attriċi ġiet imċaħħda mill-opportunita' li tgħid tagħha u, minflok, ġarrbet il-proċess ta' trasferiment għal darba darbtejn bla ma ngħatat widen għal ilment li hija nnifisha kienet ressqet fil-konfront ta' l-imġiba ta' kollega tagħha;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li l-imħarrek Tabib Ewlieni tal-Gvern mexa lil hinn mis-setgħat mogħtijin lilu mil-liġi u dan għamlu għal għan mhux xieraq u għalhekk l-ewwel talba attriċi hija mistħoqqa u sejra tintlaqa';

Illi **l-attriċi titlob ukoll il-ħlas tad-danni** għall-ħsara li ġarrbet minħabba dak li seħħ. Id-danni li jintalbu taħt l-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta huma marbutin sfiq mar-responsabbilta' li ġġib fuqha l-awtorita' pubblika bi twettiq ta' delitt jew kwazi-delitt li joħroġ mill-għemil amministrattiv impunjat. Huwa mgħallem illi "*it is now clear that what might be called administrative torts are a subject of importance, and often of difficulty, in administrative law ... the remedy of damages, which has always been an essential element in the protection of the citizen against public authorities, is already gaining greater prominance as a means of ensuring that powers are exercised responsibly, in good faith and with due care*"[45];

Illi f'kull każ, l-għoti ta' kumpens taħt l-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi titlob li qabel kollox ikun sar proċess ta' stħarriġ ġudizzjarju li jsib li l-egħmil amministrattiv ikun milqut b'xi nuqqas li jwassal għat-tħassir tiegħu[46]. Minbarra dan, il-bażi tal-ħsara trid tkun dik akwiljana mibnija

---

[43] Tweġiba Maħlufa f'paġ. 31 tal-proċess
[44] Dok. "IA1", affidavit ta' Isabelle Aquilina f'paġ. 288 tal-proċess
[45] HWR Wade & CF Forsyth, <u>Administraive Law</u>, (9th. Edition 2004), paġ. 560
[46] App. Ċiv. **31.5.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Karmenu Mifsud vs. Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta et***

fuq in-negligenza jew id-dolo[47], u ma jidhirx li tiġbor fiha l-ħlas ta' kumpens morali[48];

Illi f'dan il-każ hemm żewġ ċirkostanzi li jwasslu lill-Qorti biex tistħarreġ it-talba tal-attriċi għall-ħlas tad-danni. L-ewwel waħda hija li l-Qorti sabet li l-għemil amministrattiv impunjat kien wieħed ċensurabbli u sar b'mod mhux raġonevoli. It-tieni, l-attriċi ressqet il-prova ta' telf fis-sottomissjonijiet tal-għeluq, anke jekk il-Qorti ma taqbilx mal-ammont li l-attriċi qiegħda tippretendi bħala kumpens;

Illi l-grad tar-"raġonevolezza" meħtieg biex jiġi sodisfatt dan ir-rekwizit, ġie mistħarreġ u mfisser ukoll mill-Qrati tagħna meta ngħad li:*"F'dan ir-rigward il-Qrati Inglizi applikaw u esponew dan il-principju f'diversi forom. Hekk, per eżempju, fil-każ* ***Wednesbury Corporation*** *Lord Greene semma bħala kriterju li l-azzjoni in disamina tkun "so absurd that no sensible man could ever dream that it lay within the powers of the authority"; Lord Denning fit-****Tameside Case*** *esprima dan il-kunċett f'dawn it-termini "so wrong that no reasonable person could sensibly take that view" u Lord Diplock fil-każ* ***Council of Civil Service Unions*** *qal "so outrageous in its defiance of logic or of accepted moral standards that no sensible person who had applied his mind to the question to be decided could have arrived at it*"[49];

Illi daqstant ieħor huwa stabilit ukoll li biex jitqies jekk awtorita' wettqitx b'mod raġonevoli d-diskrezzjoni mogħtija lilha bis-saħħa ta' xi liġi, irid jintwera li dik l-awtorita' mxiet ma' dak li kellha jew messha tagħmel u mhux biss ma' dak li setgħet tagħmel[50]. Dan ifisser li l-kejl tar-raġonevolezza ikun wieħed oġġettiv marbut maċ-ċirkostanzi fattwali li fihom dik l-istess diskrezzjoni titwettaq[51];

Illi f'dan il-każ il-Qorti tqis illi kienet ħaġa għal kollox irraġonevoli għall-amministrazzjoni illi ċċaqlaq minn sala ta' sptar persuna mħarrġa u speċjalizzata meta din kienet għaddejja taħt inkjesta fuq episodju li jidher ta' ftit serjeta' u meta l-eżitu tal-inkjesta kien għadu mhux magħruf. L-għaġġla li mxiet biha l-amministrazzjoni fil-fatt uriet illi ma kenitx u la xierqa u lanqas meħtieġa għaliex ir-riżultat li ħareġ mill-proċess dixxiplinari li tnieda kontra l-attriċi sab li kien biżżejjed li tingħata twiddiba. Il-Qorti qieset ukoll ix-xhieda ta' Dr Robert Xuereb meta stqarr illi, professjonalment, in-nuqqas tal-attriċi mill-*Catheterisation Suite* inħass għaliex kienet persuna li taf xogħolha u kienet tagħti sehem siewi

---
[47] Artt. 1032(1) u 1033 tal-Kap 16
[48] P.A. NC **22.12.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Denise Buttiġieġ vs. Rettur ta' l-Universita' ta' Malta*** (mhux appellata)
[49] *Ibid.* u ara wkoll P.A. JA **11.3.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***General Workers' Union vs Bank of Valletta p.l.c.*** u T.R.A. GV **11.6.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Mallia vs Ministeru tal-Intern u Affarijiet Parlamentari et***
[50] H.W.R. Wade & C.F. Forsyth, Administrative Law (10th Edit), pġ. 295
[51] App. Ċiv. **27.3.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Dingli et vs Kontrollur tad-Dwana et***

fit-tmexxija tax-xogħol f'dik is-sala speċjalizzata. Minn naħa l-oħra, l-imħarrek Tabib Ewlieni tal-Gvern naqas li juri l-ħtieġa illi s-servizz ta' l-attriċi kien tabilħaqq meħtieġ band'oħra jew li kellha tkun l-attriċi li tkun trasferita biex tmur taħdem f'istituzzjoni oħra u mhux ħaddieħor;

Illi biex tkun tista' tintlaqa' talba għall-għoti tal-kumpens għd-danni taħt l-artikolu 469A(5) tal-Kodiċi tal-Proċedura, mhuwiex meħtieġ li l-għemil ikun sar b'ħażen: ikun biżżejjed jekk l-għemil amministrattiv ma jkunx twettaq b'mod raġonevoli;

Illi mill-provi ħareġ ukoll li l-ħsara li ġarrbet l-attriċi kienet il-konsegwenza diretta tat-trasferiment tagħha minn banda għal oħra u li dan it-trasferiment kien ordnat mill-imħarrek Tabib Ewlieni tal-Gvern li jrid iwieġeb għal dik il-ħsara;

Illi dan iwassal lill-Qorti biex issib li l-attriċi għandha l-jedd illi tingħata kumpens għal dak li ġarrbet minħabba l-għemil amministrattiv imwettaq mill-imħarrek Tabib Ewlieni tal-Gvern u, safejn **it-tieni talba** tagħha tqis dak il-jedd, sejra tintlaqa';

Illi għal dak li jirrigwarda **l-likwidazzjoni tal-kumpens** li jistħoqqilha tiġbor l-attriċi, jibda biex jingħad li mill-provi mressqa, l-attriċi qed titlob it-telf ta' qligħ għall-ġejjieni (*lucrum cessans*). Illi l-kejl tat-telf imġarrab mill-attriċi jrid isir bi tqabbil ma' dak li kienet attwalment tirċievi kieku l-ordni ma nħarġetx. Iżda, b'differenza minn dak li qed titlob l-attriċi, id-dħul disponibbli tagħha kien ikun dak id-dħul li jifdlilha wara li jitnaqqsu l-kontribuzzjonijiet għas-sigurta soċjali u t-taxxa tad-dħul, jiġifieri il-qligħ nett. Hekk ukoll hija l-fehma tal-awturi li wieħed l-aktar joqgħod fuqhom fi ħwejjeġ bħal dawn[52];

Illi mill-provi jirriżulta illi l-attriċi ġarrbet telf fid-dħul wara li ħarġet l-ordni ta' trasferiment[53]. Jirriżulta illi fis-sena 2010 (sena qabel l-inċident) l-attriċi kellha salarju gross ta' ħmistax-il elf disa' mija u ħamsa u għoxrin euro u ħdax-il ċenteżmu (€15,925.11)[54] fis-sena u erbatax-il elf erba' mija u ħamsa u erbgħin euro u tliet ċenteżmi (€14,445.03) bħala *allowances* u ħlas ta' sahra[55]. Id-dħul kollu kien soġġett għal ħlas ta' taxxa u ta' Sigurta' Soċjali, li flimkien tħallset is-somma ta' sebat elef sitt mija u ħames euro u tmienja u sittin ċenteżmi (€7605.68)[56]. Għaldaqstant id-dħul nett tal-attriċi fl-aħħar sena sħiħa qabel qalgħet it-

[52] D Kemp Damages for Personal Injury and Death (3rd. Edit, 1988) §§ 3.29 - 3.30 f'paġ. 73
[53] Ara Dok. "C", "D" u "E" f'paġġ. 309-311 tal-proċess
[54] Ara Dok. "C" f'paġ. 309 tal-proċess taħt "Salary"
[55] €6182.02 bħala allowances u €8263.01 bħala ħlas ta' sahra
[56] €5955 + €1650.68

trasferiment kien ilaħħaq it-tnejn u għoxrin elf seba' mija u erbgħa u sittin euro u sitta u erbgħin ċenteżmi (€22,764.46);

Illi mbagħad id-dħul tagħha matul is-sena 2011 (dik li matulha qalgħet it-trasferiment) l-attriċi kellha salarju gross ta' sittax-il elf disa' mija u tnejn u erbgħin euro u erbgħa u erbgħin ċenteżmi (€16,942.44)[57] u disat elef mitejn u ħamsa u tletin euro u ħamsa u ħamsin ċenteżmi (€9,235.55) bħala *allowances* u ħlas ta' sahra[58]; filwaqt li, bejn taxxa u kontribuzzjonijiet tas-Sigurta' Soċjali, l-attriċi ħallset l-ammont ta' sebat elef tmien mija u ħamsa u sebgħin euro u tnejn u sebgħin ċenteżmi (€7875.72)[59]. Għaldaqstant id-dħul nett kien ta' tmintax-il elf tliet mija u żewġ euro u sebgħa u għoxrin ċenteżmi (€18,302.27);

Illi matul is-sena 2012, l-attriċi kellha salarju gross ta' sittax-il elf erba' mija u erbgħa u ħamsin euro u tmienja u erbgħin ċenteżmi (€16,454.48)[60] flimkien ma' sitt elef tmien mija u ħamsa u għoxrin euro u disgħa u sittin ċenteżmi (€6,825.69) bħala *allowances* u ħlas ta' sahra, li minnhom tħallset taxxa u kontribuzzjonijiet ta' Sigurta' Soċjali fl-ammont ta' sebat elef u erbgħa u għoxrin euro (€7024). Għaldaqstant, id-dħul nett tal-attriċi matul l-2012 kien ta' sittax-il elf mitejn u sitt u ħamsin euro u sbatax-il ċenteżmi (€16,256.17);

Illi fir-rigward tad-dħul nett jidher illi l-attriċi kellha tnaqqis ta' €6508.29[61] bejn is-sena 2010 u s-sena 2012, li l-biċċa l-kbira minnu kien ġej minn tnaqqis sostanzjali ta' dħul minn *allowances* u sahra. Dan iġib medja ta' telf jew nuqqas ta' dħul nett fis-somma ta' tlitt elef mitejn u erbgħa u ħamsin euro u ħmistax-il ċenteżmu (€ 3,254.15) kull sena;

Illi fil-kalkoli tagħha, l-attriċi titlob illi l-telf li ġarrbet għandu jiġi mifrux fuq medda ta' erbatax-il (14) sena sad-data tal-irtirar tagħha mis-servizz[62]. Il-Qorti ma taqbilx ma' din il-pretensjoni għal żewġ raġunijiet: l-ewwel, kif issemma aktar 'il fuq, lil hemm mis-sejba ta' ħtija fl-imġiba tal-imħarrek Tabib Ewlieni tal-Gvern mal-attriċi f'dan il-każ, l-imħarrek xorta għandu d-deskrezzjoni dwar liema taqsima tal-isptar jew liema istituzzjoni oħra tista' tintbagħat taħdem fiha l-attriċi jekk il-ħtiġijiet tas-servizz tassew ikun jitolbu dan. Għaldaqstant, il-Qorti ma tqisx li hija raġuni tajba illi l-attriċi torbot it-telf tad-dħul tagħha daqslikieku kienet ser tibqa' fil-*Catheterisation Suite* sa ma tilħaq l-eta' tal-irtirar. It-tieni, il-Qorti waslet għal-fehma illi l-ordni maħruġa fil-konfront tal-attriċi ma saritx sewwa u

[57] Ara Dok. "D" f'paġ. 310 tal-proċess taħt "basic weekly wage": €320.27 x 12 = €3843.24 + €327.48 x 40= €13,099.20 = €16,942.44
[58] €26,177.99 - €16,942.44
[59] Dan il-kalkolu nħadem bl-istess mod kif ġie muri taħt l-aħħar *footnote*
[60] Ara Dok. "E" f'paġ. 311 tal-proċess taħt "Weekly Wage" : 332.15 x 40 = 13,286 + 335.92 x 9 = 3023.28 + 145.20
[61] €22,764,46 – €16,256.17
[62] Nota ta' Sottomisjonjiet f'paġ. 421 tal-proċess

b'hekk trid titreġġa' lura, u dan ikun ifisser li l-attriċi titqiegħed fil-qagħda li kienet tkun fiha fis-16 ta' Awwissu tal-2011 b'effett immedjat. Għaldaqstant mhux il-każ illi l-attriċi tingħata kumpens għal dak li xorta ser taqla' kemm-il darba terġa' tibda taħdem f'dik it-taqsima u sakemm iddum hekk taħdem;

Illi għalhekk, il-Qorti sejra tillikwida d-danni mġarrbin mill-attriċi fis-somma ta' sittax-il elf mitejn u sebgħin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmi (€ 16,270.75)[63];

Illi minħabba f'hekk it-tieni parti tat-tieni talba attriċi hija mistħoqqa u l-Qorti qiegħda tagħmel il-likwidazzjoni li jidhrilha xierqa biex tagħmel tajjeb għall-ħsara li l-attriċi ġarrbet minħabba l-għemil amministrattiv mertu tal-każ;

Illi ladarba l-Qorti sabet li l-kontradittur leġittimu waħdien tal-pretensjonijiet attriċi huwa l-imħarrek Tabib Ewlieni tal-Gvern, it-**tielet talba** sejra tintlaqa' kontrih biss, minħabba li ħareġ ukoll li huwa l-imsemmi mħarrek li jrid jagħmel tajjeb għad-danni mġarrbin mill-attriċi;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-Fondazzjoni mħarrka** u ssib li ma hemm ebda relazzjoni ġuridika bejnha u bejn l-attriċi, u għaldaqstant qiegħda teħles lill-istess Fondazzjoni mħarrka mill-ħarsien tal-ġudizzju;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** billi jirriżultalha li l-għemil amministrattiv imwettaq mill-imħarrek Tabib Ewlieni tal-Gvern kien wieħed mhux xieraq u kontra l-liġi;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet fil-mertu** mressqa mill-imħarrek Tabib Ewlieni tal-Gvern bħala li mhux mistħoqqa fil-fatt u lanqas fid-dritt;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tillikwida d-danni mġarrba mill-attriċi fis-somma ta' sittax-il elf mitejn u sebgħin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmi (€ 16,270.75);

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrek Tabib Ewlieni tal-Gvern iħallas lill-attriċi l-ammont hekk likwidat ta' sittax-il elf mitejn u sebgħin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmi (€ 16,270.75) bħala danni likwidati, bl-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ millum sal-jum tal-ħlas effettiv;

[63] € 3,254.15 x 5 = € 16,270.75

**Tordna** t-tħassir tal-ordni ta' trasferiment maħruġa fl-10 ta' Awwissu, 2011 mid-Direttorat għar-Riżorsi Umani u Amministrazzjoni, u l-attriċi terġa' titqiegħed minnufih fil-qagħda li kienet tokkupa sa dakinhar li nħarġet l-imsemmija ordni; u

**Tikkundanna** lill-imħarrek Tabib Ewlieni tal-Gvern iħallas l-**ispejjeż tal-kawża**, magħduda dawk tas-sentenza preliminari tal-31 ta' Ottubru, 2012, ħlief għal dawk tal-Fondazzjoni mħarrka, li għandha tħallashom l-attriċi.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.**
**Imħallef**

**17 ta' Novembru, 2016**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**

**17 ta' Novembru, 2016**